MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 108/2002/1

**Frozen Art Limited**

**vs**

**Emmanuel *sive* Manuel Portelli u b'digriet tas-sitta ta' Mejju 2004 gie kjamat in kawza Chris Tabone**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta' April, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat l-avviz prezentat mill-attur nhar it-tmienja (8) ta' Frar 2002 fejn talab lil Qorti tikkundanna lil-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici is-somma ta' elf sitt mija tlieta u disghin lira wiehed u hamsin centesmu Maltin (LM1,693.51) rapprezentanti din is-somma l-bilanc rimanenti fuq merkanzija lihom

mibjugha u konsenjata mis-socjeta attrici fuq inkarigu taghhom, skond '*statement of accounts*' li kopja tieghu gie esebit u mmarkat bhala Dok. 'A'.

Il-konvenuti kienu ngunti in subizzjoni.

Bl-ispejjez u imghax legali kontra taghhom.

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenut Emmanuel sive Manuel Portelli fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-eccipjenti m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici w ghandu jigi msejjah fil-kawza Chris Tabone, li hija l-persuna li kienet tinnegozja mas-socjeta attrici fir-rigward tal-istabbiliment 'Marsa Sports Club'.
2. Illi f'kull kaz, it-talbiet attrici huma preskritti skond l-Artikolu 2147 u 2148 tal-Kodici Civili. (Kap 16)
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz il-pretensjoni tas-socjeta attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici.

Illi nhar l-ghaxra (10) ta' Marzu 2004 xehed **Carmel Apap** imsejjah mill-konvenut fejn spjega li fiz-zmien meta jirreferu l-*invoices* esebiti, huwa kien jokkupa l-kariga ta' Direttur mas-socjeta attrici. Spjega li pero dakinhar li xehed kien jokkupa l-kariga ta' General Manger tas-socjeta Caruana Cold Stores li tidderigi s-socjeta attrici. Huwa esebixxa zewg cekkijiet mahruga minn Chris Tabone ghan-nom ta' 'Marsa Sports Club Caterers'. Dawn ic-cekkijiet huma datati sitta (6) u tlettax (13) t'Ottubru 2000 pagabbli lis-socjeta attrici. L-ammont ta' dawn iz-zewg cekkijiet flimkien, kien jammonta ghal LM554.96. Jghid li dawn iz-zewg cekkijiet gew ritornati lilu mill-Bank skond id-dokumenti esebiti, peress li ma setghux jissarfu.

Illi fis-sitta (6) ta' Mejju 2004 huwa esebixxa *statement* dettaljat li gie markat bhala Dok. CA 3 datat erbatax (14) ta' Marzu 2002 illi jindika l-*invoices* li nhargu u l-*credit notes* relattivi sas-sebgha (7) ta' Dicembru 2001. Minn ezami ta' dan l-*istatement* jirrizulta li dawn gew akkreditati fil-kont tas-socjeta attrici nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Settembru 2002, izda peress li ma gewx onorati (imsarrfa) nhar is-sebgha (7) t'Ottubru 2002, dawn l-istess zewg cekkijiet gew addebitati fil-kont tas-socjeta attrici. Huwa esebixxa wkoll numru t'*invoices* relattivi salv u b'ecezzjoni ghal hames *invoices* li ma gewx rintralcjati. Spjega li l-konsenja kienet issir permezz tal-impjegat tas-socjeta attrici u meta issir il-konsenja, dan kien jiehu l-firma ta' min kien ikun prezenti fil-post, u cioe ta' min kien responsabbli biex jircevihom. Ikkonferma li l-prezzijiet huma *wholesale.*

In kontr'ezami kkonferma li ma kienx ikun hu li jmur jaghmel il-konsenja w ghalhekk ma setghax ighid min kien jiffirma l-*invoices* relattivi.

Illi nhar is-sitta (6) ta' Mejju 2004 xehed **Nicky Saliba,** Sales Manager mas-socjeta attrici fejn qal li huwa kien jinnegozja mal-konvenut Emmanuel Portelli li kellu l-kuntratt sabiex imexxi il-*catering* tal-'Marsa Sports Club' u jfornih bil-gelat. Qal li l-konvenut Portelli kien rebah it-*tender* tal-'Marsa Sports Club' pero kien dahhal sabiex jassistih lill-kjamat in kawza Chris Tabone.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Chris Tabone prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' April 2005 fejn ecepixxa s-segwenti:-

1. Illi d-domandi attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza Chris Tabone huma nfondati fil-fatt u fid-dritt w ghandhom jigu michuda kontra s-socjeta attrici stante li huwa m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar is-sebgha w ghoxrin (27) t'Ottubru 2005 rega xehed l-attur **Carmel Apap** u esebixxa hames *invoices* li gew markati bhala Dokumenti CA 5 sa CA 9. Jirrizulta minn ezami ta' dawn l-*invoices* li l-klijent tas-socjeta attrici kien Manuel Portelli ghan nom tal-'Marsa Sports Centre'.

Illi nhar il-hdax (11) ta' Dicembru 2007 xehed il-kjamat in kawza **Chris Tabone** fejn spjega li bejn il-perijodu ta' 1998 sa 2000 huwa kien jiehu hsieb il-*management* tar-*restaurant* tal-'Marsa Sports Club' billi kien jiehu hsieb il-*catering* ta' l-istess stabbiliment. Jghid illi huwa kien ighaddi il-*purchasing orders* ghalkemm huwa kien responsabbli ghal haddiema tal-kcina. Ikkonferma li huwa kien jiehu hsieb, ghan-nom ta Emmanuel Portelli. Huwa kellu salarju ta' elfejn lira Maltin (LM2,000) fis-sena ghaliex kien jahdem *flexi hours* oltre dan kien jaqla *commission* meta kien ikun hemm *business* tajjeb. Huwa esebixxa il-kuntratt li kellu mal-konvenut Emmanuel sive Manuel Portelli li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok. CSH.

Huwa gie muri numru ta' *invoices* li huma esebiti f'din il-kawza a fol. 65 et seq u meta gie mistoqsi jekk il-firma fuq dawn l-*invoices* kienitx tieghu, huwa rrisponda fin-negattiv u zied ighid li lanqas kien jaf ta' min kienu l-firem.

Spjega li ma tantx kien imexxi bhala *catering*. F'xi zmien is-Sur Portelli kellu bzonn xi flus likwidi u kien talbu sabiex jiftah kont kurrent u hekk kien ghamel, u kien silfu s-somma ta' elfejn lira Maltin (LM2,000). Spjega li huwa kien iddepozita s-somma ta' elfejn lira Maltin (LM2,000) fil-kont tal-'Marsa Sports Catering' u meta gie muri iz-zewg cekkijiet esebiti fl-atti a fol. 57 u 59 tal-process, huwa gharaf il-firma tieghu fuqhom. Jghid li huwa kien jaf li c-cekkijiet ma kienux ser jissarfu, ghaliex flus fil-kont ma kienx hemm, izda is-Sur Portelli kien qallu li kien ser jerga jpoggi flus fil-kont. Dan

pero m’ghamlux u kien ghalhekk li c-cekkijiet gew lura bil-kliem *refer to drawer.*

Ikkonferma li l-*purchasing* kien isir kollu f’isem Manuel Portelli u cahad li qatt ghamel xi xiri f’ismu.

In kontr’ezami jghid li huwa ghamel perijodu ta’ aktar minn sentejn jahdem il-‘Marsa Sports Club’ u f’dan iz-zmien is-Sur Portelli ftit li xejn kien jersaq ‘l hemm. Spjega li kien ikun ic-*chef* li jara x’hemm bzonn u jghamel l-ordnijiet relattivi. Huwa kien jiehu hsieb ir-*restaurant* biss. Kokijiet kien hemm diversi. Huwa esebixxa ittra mibghuta minn Dottor Joseph Giglio fl-interess tal-klijent tieghu Emmanuel Portelli, li giet immarkata bhala Dok. CSH 1 u li hija ndirizzata lic-*Chairman* tal-‘Marsa Sports Club’ li dak iz-zmien kien Tony Cilia Pisani, u kuntratt li gie markat bhal Dok. CSH, li huwa ffirmat minn Emmanuel Portelli dwar il-*mangement* tal-*catering* u dan ghall-perijodu ta’ bejn Ottubru 1998 u Ottubru 2000.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti, li ma gewx kontestati mill-konvenut Emmanuel Portelli. li huwa kellu kuntratt t’*operations agreement* mal-‘Marsa Sports Club’ dwar il-*catering* ta’ l-istess u dan ghall-perijodu bejn is-sena 1998 u s-sena 2000. Dan il-fatt huwa ppruvat bl-ittra esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok. CSH 1. Jirrizulta ukoll li l-konvenut impjegah mieghu kif jirrizulta mill-kuntratt esebit fl-atti redatt mill-istess konvent Emmanuel Portelli, mmarkat bhala Dok. CSH.

Illi ghalhekk minnufih l-Qorti tirrileva li l-kjamat in kawza kien biss impjegat tal-konvenut.

Issa mill-provi mressqa mill-attur, li wkoll mhux kontestati, huwa kien jissupplixxi merkanzija lill-konvenut u dan sabiex ikun jista jiggestixxi n-negozju tieghu ahjar. Illi l-attur kien jibghatlu x-

xoghol b’xi haddiem minn tieghu, dan kien jottjena il-firma ta’ xi hadd li jkun ircieva l-merkanzija, u sussegwentement kien jibghatlu l-*invoices* sabiex isir il-hlas.

Chris Tabone spjega kif l-konvenut kien talbu isellfu xi flus u fil-fatt kien silfu s-somma ta’ elfejn lira u ddeposita l-istess flus f’kont intitolat ‘Marsa Sports Club Caterers’ u dan ghaliex kien qallu li kien ser ihalsu lura, pero kellu bzonn li ihallaslu xi pagamenti. Huwa fil-fatt hekk ghamel, pero kien jaf li ma seghtax jonora ic-cekkijiet kollha li kien hareg u l-kjamat in kawza jghid li l-konvenut kien qallu li kien lest li jpoggi aktar flus fil-kont una volta jispiccaw. Dan pero m’ghamilx hekk u spicca li c-cekkijiet li kien hareg ghas-socjeta attrici ghan-nom tal-konvenut, ma kienux gew onorati. Fil-fatt gharaf ic-cekkijiet esebiti fl-atti bhala dawk ic-cekkijiet li gew mahruga minnu, ghalkemm stqarr li kien qed ihallas id-debitu tal-konvenut.

Tabone jghid ukoll li huwa ma kienx responsabbli ghax-xiri tal-ikel ghal klabb, izda kien inkarigat sabiex jiehu hsieb l-impjegati u r-ristorant. Spjega li kokijiet kien hemm hafna u kienu huma li kienu jghamlu l-ordnijiet. Meta gie muri l-*invoices* esebiti mill-attur, huwa stqarr li l-firma tieghu ma kienet fuq l-ebda dokument u dan il-fatt qatt ma gie michud jew kontestat.

Illi din il-kawza m’ghandhiex bhala kawzali taghha l-fatt li ma gewx onorati c-cekkijiet, izda hija bazata fuq il-fatt li kellha tiehu somma flus rapprezentanti nuqqas ta’ hlas ta’ merkanzija w ghalhekk f’dan il-kaz, huwa l-konvenut li jrid jirrispondi ghal dan in-nuqqas.

Il-konvenut Emmanuel Portelli fin-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu, jeccepixxi fl-ewwel lok li huwa m’ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta attrici u kien ghalhekk li talab li jigi kjamat in kawza Chris Tabone.

Illi bir-rispett kollu l-Qorti ma taqbilx mal-konvenut u dan ghar-ragunijiet premessi w ghalhekk qieghda tichad tali eccezzjoni minnufih.

Fit-tieni lok il-konvenut ecepixxa il-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikoli 2147 u 2148 tal-Kodici Civili.

**L-Artikolu 2147** tal-Kap 16 jipprovdi s-segwenti:-

1. L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni fl-eghluq ta' sena:
a. L-azzjonijiet tas-surmastrijiet jew ghalliema ta' xjenzi jew t'arti ghall-lezzjonijiet li jaghtu bil-gurnata jew bix-xahar.
b. L-azzjonijiet tas-sidien tal-lukanda, taverna jew allogg ghall-allogg u ghall-ikel li jaghtu.
c. L-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, tal-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji jew tal-forrnituri li jkollhom jiehdu.
d. L-azzjonijiet tal-vettura li bl-art jew bil-bahar, imsemmijin fl-artikoli 1628 sa l-1631, ghall-hlas tal-kirjiet jew tal-pagi taghhom.

Filwaqt li l-**Artikolu 2148** ta' l-istess Kap jipprovdi s-segwenti:-

L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq tat-tmintax-il xahar:-
a. L-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi bennejja, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika ghall-prezz tal-opri jew tax-xoghlijiet taghhom jew tal-materjal li jfornu.
b. L-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut.
c. L-azzjonijiet ta' dawk li ghandhom djar ta' edukazzjoni jew ta' taghlim, ta' liema xorta jkunu, ghall-hlas tad-dritt taghhom.

d. L-azzjonijiet ta' dawk imhallsin bis-sena, ghall-hlas tas-salarji taghhom.
e. L-azzjonijiet tas-sensala ghad-dritt tas-senserija.
f. L-azzjonijiet ta' kull persuna ghall kera ta' hwejjeg mobbli.

Illi minn ezami ta' dawn iz-zewg disposizjonijiet tal-ligi jirrizulta li l-ebda artikolu tal-ligi citat mill-konvenut ma japplika ghal kaz in ezami. Jista jaghti l-kaz li seta' japplika is-sub inciz (b) ta' l-artikolu 2148 tal-Kap 16 kieku l-merkanzija li giet konsenjata lill-konvenut, kienet tikkonsisti f'oggetti jew hwejjeg ohra mobbli li jinbieghu bl-imnut. Haga li f'dan il-kaz ma jirrizultax li kien il-kaz.

Illi ghalhekk din l-eccezzjoni ta' prekrizzjoni wkoll qieghda tigi michuda.

Dwar il-mertu, l-konvenut ecepixxa li l-pretensjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Illi l-konvenut naqas li jressaq il-provi tieghu w ghalhekk il-Qorti trid tistrieh fuq il-provi migbura kemm mis-socjeta attrici, kif ukoll dawk migbura mill-kjamat in kawza.

Issa minn dawn il-provi jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti, li verament is-socjeta attrici kkonsenjat l-merkanzija msemmija fl-*invoices* esebiti u li l-konvenut ma hallasx ghaliha, nonostante li gie interpellat sabiex jaghmel hekk.

Ghalhekk din it-tielet eccezzjoni qieghda tigi wkoll michuda.

Dwar l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza u cioe li huwa m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici, din il-Qorti rat l-atti processwali, fliet ix-xhieda prodotta u hija tal-fehma li verament huwa m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant l-Qorti qieghda filwaqt li qieghda tilqa it-talba attrici fil-konfront tal-konvenut,

> qieghda tirrispingi l-eccezzjonijiet tieghu kollha, qieghda tilqa l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza u konsegwentement qieghda tikkundanna lill-konvenut wahdu jhallas lis-socjeta attrici is-somma ndikata fl-avviz ta' elf sitt mija tlieta u disghin lira wiehed u hamsin centezmu Maltin (LM1,693.51) ekwivalenti ghal tlett elef disa' mija erbgha u erbghin Euro u tnejn u tmenin Euro centezmu (3944.82).
>
> L-ispejjes ta' din il-kawza u l-imghax skond il-ligi ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenut Emmanuel sive Manuel Portelli.**"**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravji f'dawn it-termini:-

(1) Kien hemm assunzjoni tad-debitu mill-kjamat in kawza ghax kien dan li rrilaxxja c-cekkijiet u dawn gew accettati mis-socjeta` attrici;

(2) Il-kjamat in kawza kien effettivament socju mieghu fil-gestjoni tan-negozju tal-*catering* mill-Marsa Sports Club;

Minn dawn l-aggravji l-appellanti jigbed il-konkluzjoni illi, konsegwentement, huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici;

Sew il-kjamat fil-kawza kif ukoll is-socjeta` attrici wiegbu ghal dawn l-aggravji bil-mod infraskritt:-

(1) Il-hlas li jsir minn terz ma jfisserx li dan awtomatikament assuma l-oobligazzjoni principali;

(2) L-assunzjoni trid tkun cara, certa u konkludenti;

(3) L-appellanti ddelega lill-kjamat in kawza biex ihallas direttament lis-socjeta` attrici;

(4) Minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-kjamat in kawza kien *partner* ma’ l-appellanti;

Hu principju esplicitu fil-ligi taghna illi kulhadd seta’ jhallas id-dejn ta’ haddiehor u l-kreditur ta’ l-obbligazzjoni lanqas seta’ jirrifjuta l-hlas hekk offert lilu mit-terza persuna. Dan johrog car mill-provvedimenti ta’ l-Artikoli 1148 (2) u 1149 (1) tal-Kodici Civili. *Sic et sempliciter* hlas ta’ din ix-xorta mit-terz ma kienx jimporta l-krejazzjoni ta’ relazzjoni guridika bejn min ihallas u l-kreditur. Dan, ammenokke, ma tkunx ukoll positivament accertata l-ezistenza ta’ assunzjoni vera u proprja ta’ dak id-debitu ta’ haddiehor;

Il-ligi Taljana fil-Kodici Civili ta’ dak il-pajjiz tirregola din il-qaghda ta’ l-ahhar permezz ta’ tliet istituti strutturalment distinti, anke jekk ilkoll igibu l-modifika tar-rapport passiv ta’ l-obbligazzjoni bl-ingress ta’ debitur gdid fir-rapport obbligatorju. Tali huma d-delegazzjoni (art. 1268), l-espromissjoni (art. 1272) u l-*accollo* (art. 1273). Id-delegazzjoni hu dak in-negozju fejn id-debitur jassenja lill-kreditur debitur gdid li jobbliga ruhu versu l-kreditur. Xorta wahda, pero`, f’dan il-kaz id-debitur originali mhux mehlus mill-obbligazzjoni, salv jekk il-kreditur ma jkunx espressament iddikjara xort’ohra. L-espromissjoni, invece, “*è un contratto fra il creditore ed il terzo, che assume spontaneamente il debito altrui, nel quale non vengono in considerazione i rapporti interni fra il debitore ed espromittente e nell quale non sono giuridicamente rilevanti i motivi che hanno determinato l’intervento del terzo, mentre la causa è costituita appunto dalla assunzione del debito altrui mediante un’attivita` del tutto svincolata dai rapporti eventualmente esistenti fra terzo e debitore ... L’espromissione si distingue, pertanto, dall’accollo, che è un contratto fra il terzo che si impegna a pagare il debito ed il debitore, nonche dalla delegazione per mancanza di ogni iniziativa del debitore originario.*” (**Cassazione, 7 ta’ Lulju, 1976, Numru 2525**). L-*accollo* hu, allura, dak il-kuntratt ta’ ftehim bejn id-debitur u t-terz li permezz tieghu dan ta’ l-ahhar jassumi d-dejn ta’ l-iehor.

Il-kreditur li jaderixxi ghal din il-konvenzjoni jirrendiha irrevokabilment favur tieghu u dik l-adezjoni tieghu ggib il-liberazzjoni tad-debitur originarju jekk tali tkun kondizzjoni tal-konvenzjoni jew il-kreditur jiddikjara espressament li jrid hekk;

Il-fattispeci tal-kaz prezenti ma jista' jkun annoverat taht l-ebda wiehed minn dawn l-istituti. Il-kjamat in kawza ma assuma ebda obbligazzjoni ghall-hlas tad-dejn la versu l-konvenut appellanti, debitur originarju, u lanqas versu s-socjeta` attrici, kreditrici ta' l-obbligazzjoni. L-atti istruttorji jikkonfermaw illi ma kien hemm ebda konvergenza ta' volonta bejn il-kreditur u t-terz. Kif lanqas ma jirrizulta li kienet tezisti xi dikjarazzjoni espressa da parti tas-socjeta` attrici illi l-konvenut kien qed jigi mahlul mill-obbligazzjoni tieghu tal-pagament ghall-prodotti komprati u kkonsenjati;

It-tezi kollha ta' l-appellanti, u li maghha jorbitaw iz-zewg aggravji tieghu, ma tidherx li hi sorretta mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti. Il-kuntratt ta' ftehim ghall-immaniggjar tar-*restaurant* fil-Marsa Sports Club (ara dokument a fol. 127) m'ghandux l-ingredjenti ta' shubija daqskemm dak ta' impjieg salarjat. Il-kontrattazzjoni ghall-gestjoni ta' l-istess Marsa Sports Club kienet wahda esklusiva bejn l-appellanti u l-Club, tant li kien l-istess appellanti li, permezz ta' l-Avukat tieghu (ara ittra a fol. 126), kiteb lill-Club biex jilmenta minn ksur ta' stipulazzjoni specifika tal-ftehim. L-ordnijiet ghall-akkwist u xiri tal-prodotti kienu jsiru mic-*chef* u mhux mill-kjamat in kawza. Huwa minnu li dan ta' l-ahhar irrilaxxja zewg cekkijiet, li baqghu ma ssarrfux, taht il-firma tieghu imma b'daqshekk din mhix xi prova konklusiva illi b'daqshekk kien hemm xi assunzjoni tad-dejn minnu. L-istess gurisprudenza citata mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell timmilita kontra l-istess tezi ta' l-appellanti;

Il-konkluzjoni tal-premessi konsiderazzjonijiet hi li s-sentenza appellata hi wahda korretta ghax la ma kien hemm ebda assunzjoni mill-kjamat in kawza dan ma setax

jigi ritenut responsabbli ghall-hlas mitlub u l-appellant ma setax jippretendi li hu jkun liberat mill-hlas tad-debitu tieghu di fronte ghas-socjeta` attrici appellata.

Ghal dawn il-motivi kollha l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------